32000D0288

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' April 2000

li temenda d- Deċiżjoni 92/486/KEE fuq il- forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru *host ANIMO* u l-Istati Membri

(notifikata bid-dokument numru C(2000) 922)

(Test b' rilevanza ŻEE)

(2000/288/KE)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ fil-Komunità f' ċerti annimali u prodotti bil-għan li jkun ikkompletat is-suq intern [1], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b' mod partikolari l-Artikolu 20 [3] tagħha,

Billi:

(1) Studji varji tal-Komunità u seminars jindikaw li s-sistema kumplessa ta' l-arkitettura ANIMO suppost tkun irreveduta ħalli sistema veterinarja li tintegra l-applikazzjonijiet kompjuteriżżati varji jistgħu ikunu mplimentati.

(2) Id-Deċiżjoni 92/486/KEE tal-25 ta' Settembru 1999 tistabbilixxi l-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ- ċentru *host ANIMO* u l-Istati Membri(3), kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni 2000/716/KE [4], suppost tkun emendata sabiex tiggarantixxi l-kontinwità tas-sistema kumplessa ta' l-ANIMO.

(3) Il-miżuri li għalihom hemm provvediment f' din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-segwenti paragrafu hu miżjud ma' l-Artikolu 2a ta' Deċiżjoni 92/486/KEE:

"5. Għall-perijodu mill-1 ta' April 2000 sa' l-31 ta' Marzu 2001, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 1 għandhom jiżguraw li l-kuntratti li għalihom hemm riferenza f' dak l-Artikolu huma estiżi għal sena.

Is-segwenti ħlas għandu japplika b' rispett ta' dan il-paragrafu:

EUR 386 għal kull parti (parti ċentrali, parti lokali, post ta' spezzjoni fil-fruntiera) għal kull wieħed mill-unitajiet ANIMO elenkati fid- Deċiżjoni 2000/287/KE (*).

(*) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 12."

Artikolu 2

Din id- Deċiżjoni hi applikabbli mill-1 ta' April 2000.

Artikolu 3

Din i-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] Ġu L 224, tat-18.8.1990, p 1.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[3] ĠU L 291, tas-7.10.1992, p. 20.
[4] ĠU L 289, tal-11.11.1999, p. 1.